

Brussell, 28 ta' April 2016
(OR. en)

8256/16

ENV 245

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7478/16 ENV 190 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' XXX li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-għamara - Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni

1. Peress li l-miżuri previsti huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat rilevanti, il-
Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' miżuri msemmi hawn fuq¹ għal skrutinju
f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-
Kunsill 1999/468/KE.²

¹ 7478/16 +ADD 1 - D042280/04.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-abbozz ta' miżuri permezz ta' proċedura informali bil-miktub u qabel li ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-Kunsill għandu jopponi l-adozzjoni tagħhom.³
3. Għalhekk, is-Segretarjat Ġenerali jissuġġerixxi li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma hemmx raġunijiet għall-oppożizzjoni tal-abbozz ta' miżuri. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma jopponihomx, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri proposti f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

³ L-Artikolu 5a(3)(b) jipprevedi li l-Kunsill jista' jopponi, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, l-adozzjoni ta' miżuri bħal dawn għar-raġuni li dawn jeċċedu s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-istrument bażiku, ma jkunux kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku jew ma jkunux konformi mal-prinċipji ta' sussidjarjetà jew ta' proporzjonalità.